KLR 34/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet nhar il-Ġimgħa 16 ta' Mejju 2008 fid-9.30 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-Kunsilliera Joe Debrincat, Josef Schembri u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Miriam Attard.

SKUŻATI:- Il-Viċi Sindku Victor Galea Pace u l-Kunsilliera, Josephine Cassar u Michel Buttiġieġ.

Wara li ntqalet it-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li fis-7 ta' Mejju 2008 saret laqgħa mal-MEPA rigward id-*Development Brief* mitlub minnhom dwar l-applikazzjoni ta' l-istess Kunsill għal xogħoijiet ta' tisbiħ fil-*playing field* tar-Rabat. Fl-ittra tal-MEPA l-Kunsill kien ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu ma setgħetx tiġi milqugħa jekk fl-iżvilupp propost ma jiġux inklużi l-grawnd tal-futbol, il-parkeġġ il-kbir biswitu u l-*Bus Terminus*. Dan minħabba l-fatt li ż-żona kollha għada identifikata għall-iżvilupp tal-*Comunal Centre* fil-pjan lokali għal Għawdex u Kemuna. Sabiex din iż-żona f'dan il-pjan lokali ma tibqgħax identifikata għal dan l-iskop, il-MEPA talbet ittra formali mill-Gvern Ċentrali li tikkonferma dan il-fatt. Wara jkun imiss li ssir applikazzjoni sabiex jiġi emendat il-pjan lokali. Tali emendi pero' jkunu jistgħu jibdew jiġu kkunsidrati wara Awwissu ta' din is-sena, minħabba li jkunu għaddew sentejn mit-tnehdija tiegħu kif filfatt jitolbu r-regoli li jiggvernaw dan il-pjan lokali. Jekk ma jkunx hemm kontestazzjonijiet mill-pubbliku għal din l-emenda, il-proċess m'għandux jieħu jktar minn għaxar ġimgħat. Hu biss meta tiġi formalment approvata din l-emenda li l-MEPA tkun tista' tibda tikkonsidra l-applikazzjoni tal-Kunsill. Għalkemm formalment is-Sindku għamilha ċara li dan il-proċess kollu sejjer biss itellef iktar ħin biex jinbeda x-xogħol neċessarju u tant meħtieġ b'din iż-żona, u li dan kollu sejjer jerġa jtawwal iż-żmien meta' l-Gvern ikun jista' jiddevolvi lill-Kunsill din l-art in kwistjoni, ħeġġeġ lill-uffiċċjali tal-MEPA preżenti sabiex jagħmlu dak kollu possibbli minn naħħa tagħhom sabiex dan il-proċess kollu jsir fl-inqas żmien possibbli permess mil-liġi.

Għaldaqstant il-Kunsill talab lis-Sindku sabiex immedjatament jikteb lill-Prim Ministru sabiex jinfurmah bl-iżviluppi u jitolbu jara li dak li ntalab mill-MEPA jasal għandhom fl-iqsar żmien possibbli.

1.2 Is-Sindku għarraf lill-preżenti rigward l-applikazzjoni sabiex jiġu akkwistati fondi mill-Unjoni Ewropeja biex isir il-proġett tar-rijabilitazzjoni taċ-Ċentru Storiku tar-Rabat. L-applikazzjoni ma ġietx approvata pero' l-Kunsill ingħata ċans ta' ġimgħatejn sabiex jipprepara u jagħmel appell. Dan l-appell ser ikun f'forma ta' preżentazzjoni lill-bord ta' l-appelli konċernat. Il-Kunsill talab lis-Sindku sabiex jirrappreżentah quddiem il-bord u jagħmel is-sottomissjonijiet neċessarji. Il-bord ta' l-appelli għandu jiltaqa nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2008.

1.3 Tqajjem punt rigward il-parkeġġ li nżebaħ quddiem 67 fi Triq ta' Wara s-Sur. Dan inżebaħ bi żball u għaldaqstant ser jitneħħa. Il-membri qablu li jintalab permess sabiex issir *keep clear* għall-persuni b'diżabilita' quddiem il-bieb biss ta' din id-dar u jsir *single yellow line* skond il-linji gwida ta' l-ADT, fuq kull naħħa tal-garaxx ta' din id-dar. Dan peress li qed ikun hemm problema sabiex jintuża l-garaxx.

1.4 Rigward ir-*road humps* li ser issiru minn naħħa tal-Ministeru għal Għawdex fi Triq Għajn Qatet, il-membri ġew mgħarrfa li ntbgħatet korrispondenza lir-residenti u fil-maġġoranza tagħhom jaqblu li din issir. Il-post idejali hu fil-kantuniera ta' qabel Triq Pompei u bejn il-Librerija Pubblika u l-uffiċċju tal-Karta ta' l-Identia'. Dan peress li minn Triq Pompei il-vetturi joħorġu b'veloċita' eċċessiva għal Triq Għajn Qatet. Dan għandu jiġi suġġerit lid-Dipartiment Proġetti u Żvilupp.

1.5 Dwar il-*water culvert* li ser isir fit-triq ta' maġenb il-*Bus Terminus* u l-*playing field*, is-Sindku għarraf lill-membri li dan ser isir minn naħħa ta'l-iżviluppaturi tad-Duke u l-Kunsill ser jipprovdi l-għotien. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob il-permess ta'l-ADT sabiex isiru *road humps* f'din it-triq.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-Membri**

Mozzjoni numru 114 ġiet imressqa mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Tabone.

**Nipproponi li l-Kunsill Lokali jixtri settijiet ta' litografiji ta' pitturi lokali ta' l-artist Rabti George Scicluna, li jirrappreżentaw il-karattru Rabti. Dawn sabiex jintużaw bħala rigali lill-entitajiet jew delegazzjonijiet li jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill.**

Il-membri qablu li jinxtraw 20 sett li jiswew €20 kull sett.

**3. Estmi 2008/2009**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-abbozz ta' l-estmi għas-sena finazjarja li jmiss. Wara li ġie rivedut dan ġie approvat skond id-dokument anness. Is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li l-formola ta' kif jiġi kkalkulat l-ammont li l-Gvern jagħddi lill-Kunsilli qed tiġi riveduta peress li saru diversi tentattivi fosthom tiegħu bħala Sindku tar-Rabat

Għawdex mal-Gvern Ċentrali. Dan minħabba l-fatt li lokalitajiet bħal tagħna li fihom jilqgħu turisti, ħwienet, banek, skejjel, uffiċċini pubbliċi eċċ., il-fond allokat mill-Gvern mhux ikun biżżejjed.

**4. Jum il-Belt Victoria 2008**

Il-membri qablu li l-attivitajiet ikunu kif ġej:-

Il-Ġimgħa 30 u s-Sibt 31 ta' Mejju 2008, jsir Crafts Market fi Pjazza San Ġorġ u jsiru żewġ attivitajiet mill-Astra Folk Group filgħodu bejn il-11.00 u s-13.00 li jibdew miċ-Ċittadella għal Pjazza Indipendenza u Pjazza San Ġorġ. Il-Ġimgħa filgħaxija issir attivita' ta' kant, għana, żfin, drama u mużika.

Il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju 2008 mit-19.45 sad-21.00, inawgurazzjoni tax-xogħolijiet fi Pjazza J. F. Kennedy bil-parteċipazzjoni tal-Banda Ċittadina Leone li titlaq b'marċ mill-każin Aurora għal din il-pjazza.

It-Tlieta 10 ta' Ġunju 2008 mis-19.30 sad-21.00, inawgurazzjoni tax-xogħolijiet fiż-żona ta' Qasam San Ġorġ, bil-parteċipazzjoni tal-Victoria Clarinet Quartet.

Is-Sibt 14 ta' Ġunju 2008 bejn fis-19.30 u d-21.00, inawgurazzjoni tas-sistema ġdida ta' dawl għal Pjazza Indipendenza u għoti ta' Ġieħ ir-Rabat lit-tlett klabbs tal-futbol Rabtin, bil-parteċipazzjoni ta' l-Island Brass Band.

Il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju 2008 bejn is-19.30 u t-20.30, inawgurazzjoni tax-xogħolijiet fil-*Housing Estate* ta' taċ-Ċawla bil-parteċipazzjoni tal-Banda Ċittadina La Stella li titlaq b'marċ miċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb għall-*Housing Estate*. Fuq proposta tas-Sindku, din l-*area* ser tissejjah 'Zona Nichelino' u ser jiġi mistieden is-Sindku ta' Nichelino għall-okkażżjoni.

L-Erbgħa 25 ta' Ġunju 2008 bejn il-11.30 u n-12.30, inawgurazzjoni ta' *Audio Visual Panel* fi Pjazza Indipendenza.

**5. Korrispondenza**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet korrispondenza mingħand:-

5.1 l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) rigward ix-xogħol li sar fil-bankini ta' Pjazza J. F. Kennedy. Is-Sindku spjega kif l-ADT qabel ma' bgħattet il-kummenti tagħha dwar din il-bankina b'mod mill-iktar nieqes minn kull etika u professjonalita', ħarrġet stqarrija pubblika li dehret fuq is-sit elettroniku tad-DOI u fuq il-gazzetta bl-ingliż Times of Malta. Wara li għamel abbozz ta' risposta u ddiskutiha mal-Kunsilliera, bgħatha f'format ta' stqarrija għall-istampa kemm lid-DOI u lit-Times of Malta sabiex tiġi ppublikata **(dokument B anness)**. Id-DOI permezz ta' l-aġent direttur tagħha, infurmatu li huma jġibu biss informazzjoni li tkun ħierġa direttament minn sors uffiċċjali tal-Gvern. Meta hu kkontesta li l-Kunsill huwa filfatt Gvern Lokali, ir-risposta kienet li għal fini tal-linji

gwida tagħhom, tali informazzjoni li toħroġ minn Kunsill mhix ikkunsidrata bħala informazzjoni li ħierġa minn sors uffiċċjali tal-Gvern. Minn naħħa l-oħra, għalkemm it-Times of Malta ġew infurmati kemm mis-segretarjat tal-Kunsill kif ukoll mill-avukata tal-Kunsill permezz ta' ittra uffiċċjali, dawn baqgħu ma ppublikawx l-istqarrija tal-Kunsill, kontra kull etika professjonali u kontra l-istess liġijiet li jiggvernaw lill-istampa – il-Press Act.

5.2 il-MEPA:- (i) dwar applikazzjoni ġdida (PA 01178/08) mid-Direttur Proġetti u Żvilupp sabiex tiġi restawrata l-faċċata tal-Banca u ssir ATM; (ii) fejn intbgħat id-Development Permit Application (DPA) ta' l-applikazzjoni sabiex isir tisbiħ fi Pjazza San Ġorġ (PA 08189/05), (iii) dwar applikazzjoni PA 05229/07 tax-xogħol tar-rijabilitazzjoni taċ-ċentru storiku tar-Rabat. Mill-MEPA ntalab sabiex jintbgħatu dettalji lill-ADT rigward *culverts* ta' l-ilma, immaniġjar tat-traffiku temporanju sakemm isir ix-xogħol u program tax-xogħol u (iv) dwar (PA 00321/08) l-applikazzjoni sabiex isir il-monument f'ġieħ Mons. Luiġi Vella. Il-Kunsill ġie nfurmat li qed tiġi konsultata l-ADT.

## 6. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

6.1 l-Kunsill jgħarraf lill-ADT sabiex jitneħħa l-parkwġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Portelli fi Triq Sir M'Anġ. Refalo. Dan minħabba l-fatt li m'għadx hemm bżonnu. Qablu wkoll li minflok ma jsirx parkeġġ ieħor peress li hi triq dejqa u tal-ħwienet oġġezzjonaw li b'dan il-parkeġġ tingħalaq it-triq;

6.2 jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex issir mera fi Triq Ġuże' Ellul Mercer faċċata ta' Triq 31 ta' Marzu peress li l-kantuniera hi perikolużа;

6.3 ssir wirja ta' skultura fis-sala tal-Kunsill mill-artist Mario Aġius, mit-30 ta' Mejju u l-20 ta' Ġunju 2008;

6.4 it-trukkijiet il-kbar (kiosks) li kienu jarmaw n-naħħa tal-*Coffee Break* fi Triq Putirjal jerġgħu jintramaw 'il fuq mill-monument ta' Ġorġ Pisani. Il-kiosks iż-żgħar li kienu jintramaw f'dan il-post jistgħu jitpoġġew n-naħħa t'isfel fejn hemm post għalihom u skond fejn ikun imisshom. Il-memru qablu wkoll li l-permessi tal-kiosks li jintramaw fi Triq taħt Putirjal għandhom jinħarġu wara l-17.00 u l-kiosks kollha għandhom jitneħħew kull filgħaxija.

6.5 ssir laqgħa mas-Supretendent Antonello Grech u l-Ispettur.Domenic Micallef sabiex tiġi finalizzata l-kwistjoni tal-monti. Rigward kaxxa 6, ġew ippreżentati kopji tal-permessi mill-uffiċċju tal-Liċenzji li din tgħajjat lil Tania Portelli ( 23677G);

6.6 x-xogħol ta' tisbiħ tal-ġnien ta' Qasam San Ġorġ f'dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni u tisqija ta' fjuri, pjanti u siġar għandha issir mit-Taqsima ta' l-Agrikultura peress li tefgħu l-orħos stima. Din hi ta' €1080 li tinkludi wkoll sena ta' manteniment

tal-ġnien. Is-Sur Thomas Xerri ser jieħu ħsieb jibdel il-*fence* tal-ġnien peress li dak eżistenti spiċċa. Dan bl-istima ta' €812.50;

6.7 li jingħata permess sabiex issir *car wash* f'parti mill-parkeġġ ta' maġenb l-Arkadia fl-14 ta' Ġunju 2008. Din issir kull sena b'risq is-Sorijiet ta' Madre Tereża.

6.8 Infetħet l-istima sabiex il-ħasil tal-Bus Terminus jibda jsir kull ħmistax bil-*pressure washer*. Din intbgħatet lill-Michael Refalo, KIP, Mr. Clean u Taqsima ta' l-Indafa Pubblika fi ħdan il-Minsteru għal Għawdex. Michael Refalo biss tefa' l-offerta u l-prezz tiegħu hu ta' €70 kull ħasla. Dan għandu jiġi kkuntatjat peress li l-Kunsill ħass li l-prezz li offra hu għoli.

Il-laqgħa spiċċat fis-14.00 u l-kontinwazzjoni ser issir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju 2008 fid-9.00.

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |